**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 23 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 498/2014 GM**

**Amarcord Limited**

**vs**

**Rita Schembri u Mark Schembri**

Il-Qorti:

Permezz ta' din il-kawża, Amarcord Limited qiegħdha titlob it-tħassir ta' kuntratt ta' ċessjoni ta' sullokazzjoni ta' fond f'San Pawl il-Baħar mill-konvenuti lill-attriċi għar-raġunijiet imsemmija fir-Rikors Maħluf, flimkien mal-ħlas lura tal-prezz u l-likwidazzjoni u ħlas tad-danni.

Fl-14 ta' Diċembru 2022 il-konvenuti ppreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri li permezz tagħha jsostnu li s-soċjeta` attriċi ġiet ikkanċellata mir-reġistru tal-kumpanniji u għalhekk issa hemm in-nuqqas tal-interess ġuridiku.

Fl-10 ta' Jannar 2023, ċertu Omar Granata talab li jassumi l-atti tal-kawża minflok is-soċjeta` attriċi billi din, permezz t'att pubbliku tal-25 ta' Marzu 2020, kienet ċedietlu, *inter alia,* id-drittijiet konnessi ma' din il-kawża.

Il-konvenuti, permezz ta' tweġiba ppreżentata fis-27 ta' Jannar 2023 opponew it-talba ta' Omar Granata. Talbu li qabel ma jiġi awtorizzat jassumi l-atti, il-Qorti għandha tisma' l-provi dwar u tiddisponi mill-eċċezzjoni ulterjuri tagħha. Sostnew li għandhom dritt jikkontrollaw jekk l-att pubbliku taċ-ċessjoni esibit fl-atti huwiex wieħed awtentiku; taħt liema ċirkostanzi seta' ġie ffirmat, u jekk dawn iċ-ċirkostanzi jiġġustifikawx id-donazzjoni li saret permezz tal-istess att.

Ikkunsidrat:

L-eċċezzjoni dwar l-awtentiċita` tal-att pubbliku issa ġiet issorvolata bil-preżentata ta' kopja awtentika tiegħu fis-6 ta' Frar 2023.

Jidher mill-att pubbliku fuq imsemmi li Omar Granata huwa ċ-ċessjonarju tad-drittijiet tas-soċjeta` attriċi. Dan huwa biżżejjed biex tnissel fih il-leġittimazzjoni attiva. Il-konvenuti għandhom kull dritt li jattakkaw, bil-mezzi idonji li tagħtihom il-liġi, il-validita` taċ-ċessjoni. Dan iżda ma jfissirx li dan għandu jsir **qabel** ma Granata jassumi l-atti. Iċ-ċessjoni tibqa' valida sakemm ma tiġix imħassra.

Granata huwa parti fiċ-ċessjoni u għalhekk għandu interess ġuridiku li jkun parteċipi f'kull proċedura li tattaka l-validita` tagħha.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' r-rikors ta' Omar Granata tal-10 ta' Jannar 2023 u tawtorizzah jassumi l-atti ta' din il-kawża minflok Amarcord Limited.

Tawtorizza ż-żieda fl-okkju biex jiġi rreġistrat dan it-tibdil u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Moqri fl-udjenza.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA